illumina®

Powster tas-Setup

# tas-Sistema ta' Sekwenzjar iSeq 100

Dan il-powster jiddeskrivi kif tinstalla u tħejji s-Sistema ta' Sekwenzar tal-iSeq™ 100.

Għal aktar dokumentazzjoni, taħriġ, informazzjoni ta' sikurezza, u riżorsi oħra, mur fuq:

**support.illumina.com/iSeq100**

## 1 Ikkonferma l-Kontenut tal-Kaxxa





FLOW CELL TAT-TEST LI TISTA' TERĠA' TINTUŻA TAL-iSEQ 100



KARTRIĠ TAT-TEST LI TISTA' TERĠA' TINTUŻA TAL-iSEQ 100



KEJBIL TAL-ETHERNET



WAJER TAL-ELETTRIKU*



DRIP TRAY PAD ŻEJDA TAL-iSEQ 100



FILTRU TAL-ARJA ŻEJJED TAL-iSEQ 100

Poġġi fil-ġenb il-flow cell u l-kartriġ tat-test li jistgħu jerġgħu jintużaw għall-ewwel setup (pass 6) u għal kwalunkwe individwazzjoni ta' soluzzjoni fil-futur.

Aħżen il-flow cell u l-kartriġ tat-test li jistgħu jerġgħu jintużaw, id-drip tray pad żejda, u l-filtru tal-arja żejjed fil-pakkett oriġinali f'temperatura tal-kamra.

*Il-konfigurazzjoni tal-plakka tista' tvarja.

## 2 Poġġi fuq Lab Bench u Għolli l-Monitor




Il-kaxxa l-kannella tal-konsenja tiżen 21 kg (47 lbs), u l-istrument jiżen 16 kg (35 lbs). It-tnejn jeħtieġu li jintrefgħu minn żewġ persuni.

Poġġi l-istrument fuq lab bench livellat (ara l-ispazji minimi fl-istampa) b'aċċess għall-outlet tal-elettriku. Erfa' l-monitor mill-parti ta' fuq tal-istrument sabiex ikun wieqaf 'il fuq.

## 3 Qabbad is-Sistema



a Biex tikkonfigura s-Sistema tal-iSeq 100 għal konnessjoni ta' wired network, ikkonnettja l-kejbil tal-Ethernet mal-port tal-Ethernet.

b Qabbad il-wajer tal-elettriku mad-dħul tal-elettriku AC fuq il-pannell ta' wara, u mbagħad ma' outlet fil-ħajt.

## 4 Dawwar it-Toggle Switch u Agħfas il-Buttuna tal-Power





a Dawwar t-toggle switch fuq wara tal-istrument għall-pożizzjoni power on (**I**).

b Meta l-buttuna tal-power fuq in-naħa tax-xellug tal-istrument itteptep, agħfasha biex tixgħel il-kompjuter ta' kontroll u s-sistema operattiva.

## 5 Irrisettja ż-Żewġ Passwords Default



a Żomm nota tal-password default għal **sbsadmin** murija fuq l-iskrin oranġjo. Illoggja bil-password default, irrisettja l-password default (minimu ta' 10 karattri), u kompli segwi s-suġġerimenti.

b Żomm nota tal-password default għal **sbsuser** murija fuq l-iskrin blu. Agħżel il-kont sbsuser mill-kantuniera tax-xellug, u mbagħad illoggja bil-password default. Il-bar tal-istatus tixgħel ħadra u jidher l-iskrin tas-Setup.

## 6 Wettaq Setup tal-Ewwel Darba



FLOW CELL U KARTRIĠ TAT-TEST LI JISTGĦU JERĠGĦU JINTUŻAW TAL-iSEQ 100

Agħżel **Setup** (Issettja) u segwi s-suġġerimenti ta' fuq l-iskrin biex twettaq kontroll tas-sistema u tikkonfigura s-sistema.

Għall-kontroll tas-sistema, daħħal il-flow cell tat-test li tista' terġa' tintuża fis-slott ta' fuq quddiem tal-kartriġ tat-test li tista' terġa' tintuża sakemm tikklikkja. Kun ċert li t-tikketti jkunu jħarsu 'l fuq.

Wara l-użu, aħżen f'temperatura tal-kamra fil-pakkett oriġinali.

## Twissijiet

Biex timpedixxi xokk elettriku, tneħħix il-pannelli ta' barra mill-istrument. Fuq ġewwa, ma hemmx komponenti li jistgħu jingħataw servis mill-utent.

Spezzjona viżwalment il-wajer tal-elettriku. Il-wajer tal-elettriku jeħtieġ li jkun f'kundizzjoni ta' tħaddim tajba meta int tkun qed tuża dan it-tagħmir.

Huwa biss meta s-sistema ma tkunx imqabbda mal-mejn tal-elettriku AC li l-enerġija ta' periklu titneħħa kollha mis-sistema.

Għall-assistenza teknika, ikkuntattja lill-Appoġġ Tekniku ta' Illumina.

Sit web: **www.illumina.com**

Indirizz elettroniku: **techsupport@illumina.com**

Telefown (Amerika ta' Fuq): +1.800.809.4566

Telefown (Barra mill-Amerika ta' Fuq): +1.858.202.4566

**Għal Użu fir-Riċerka Biss. M'għandux jintuża fi proċeduri dijanjostiċi.**

© 2019 Illumina, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. It-trademarks kollha huma l-proprjetà ta' Illumina, Inc. jew tas-sidien rispettivi tagħhom. Għal informazzjoni speċifika dwar it-trademark, ara www.illumina.com/company/legal.html.

Dokument # 1000000035963-MLT v03
Materjal # 20024018




www.illumina.com/iseq100

Għal Użu fir-Riċerka Biss. M’għandux jintuża fi proċeduri dijanjostiċi.

illumina®